**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 t' Ottubru, 2018**

**Talba Nru: 171/2018 PM**

**Ferrara Ltd**
**(C 12543)**

**Vs**

**Silvio Brincat**
**(K.I. 474260(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erbgha u ghoxrin (24) t'April, 2018 illi l-konvenut ghandu jigi kkundannata ihallas lis-socjeta` attrici l-bilanc ta' mija, tlieta u disghin euro u erbgha u disghin centezmi (€193.94) rapprezentanti ammont bilancjali fuq bejgh u konsenja ta' diversi oggetti, u dan kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz u liema bilanc baqa' ma thallasx li l-intimat gie debitament interpellat. Bl-ispejjez kollu u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data li tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-9 t'Ottubru 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba li lkoll jindikaw li l-ammont mitlub jirrapprezenta prezz ta' merkanzija mibjugha lill-intimat ghal skopijiet ta' kompra-vendita u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tad-9 t'Ottubru, 2018 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

**Ikkunsidra**

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Id-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba lkoll jindikaw li l-ammont mitlub jirrapprezenta prezz ta' merkanzija mibjugha lill-intimat ghal skopijiet ta' kompra-vendita. Fir-rigward tal-imghaxijiet, stante n-natura kummercjali tat-trasazzjoni l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-dati indikati fil-fatturi relattivi.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma komplessiva ta' mija, tlieta u disghin euro u erbgha u disghin centezmi (€193.94) rapprezentanti ammont bilancjali fuq bejgh u konsenja ta' diversi oggetti, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-fattura relattiva kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**